Dok 'A'

17 ta' Novembru 2010

**Dikjarazzjoni**

B'referenza ghall-korrispondenza mibghuta mis-Sinjura Gemma Deboni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u anke ghall-kumenti ohra li nghataw fil-media irrid nissoljeva dawn il-punti f'gieh is-sewwa u l-verita tal-fatti kif proppju graw fuq il-kaz partikolari ta' xoghol li sar mill-Kunsill Lokali Fgura u li kien jinkludi zewg toroq li huma Triq Wistin Levanzi u Triq Gallu fl-istess lokalita ghas-somma ta' madwar E80,000.

Irrid nghid li l-Kunsill Lokali tal-Fgura kien hareg zewg tenders ghal xoghol ta' bankini, kif ukoll ta' patching. Il-Kunsill Lokali kien ghazel il-kuntrattur fuq dawn iz-zewg tenders u kienu inghataw lil Kuntrattur Asfaltar Ltd. bhala l-aktar offerti vantagjuzi.

Il-Kunsill Lokali Fgura kien iddecieda li jaghmel xoghol fuq iz-zewg toroq ga msemmija. Gara li fid-dawl li kienet gejja l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali f'pajjizna u l-Fgura kienet wahda mil-lokalitajiet parteciepi, permezz ta' mozzjoni mressqa mis-Sur Saviour Camilleri gie deciz li dan ix-xoghol kellu jithalla ghal wara l-elezzjoni. Fil-verita dan ix-xoghol kien diga inghata lill-Kuntrattur u wara li kien hemm kumplikazzjoni f'xi house connections li nqallghu il-Kunsill ippospóna dan ix-xoghol ghal wara l-elezzjoni.

Wara l-elezzjoni beda dan ix-xoghol kif kien miftiehem. Wara li nqalghu it-toroq irrizulta li l-asfalt kien tant fi stat hazin li wara t-trinek li saru, it-triq inqaghlet kollha u b'mod prattiku kien ikun aktar vijabli li kieku jinghata wicc ta' asphalt milli patching works. Saret laqgha fil-post u li ghaliha attendejana jiena u s-Sur Dalli (Kunsillier dak iz-zmien inkarigat mill-infrastruttura), id-deputat segretarju ta' dak iz-zmien, il-Perit u l-Kuntrattur innifsu. Wara li saret diskussjoni wiesgha gie deciz li din il-materja ghandha tigi diskussa fil-Kunsill fil-laqgha li kien imiss fil-hdax ta' Novembru 2009 fejn kellha tittiehed decizzjoni.

Filfatt, fl-imsemmija laqgha saret diskussjoni dwar il-materja u s-Sur Pierre Dalli ressaq mozzjoni 2574/09/6, li kienet tghid 'Sabiex il-Kunsill jagħmel wicc ta' tarmak fit-Toroq Triq Gallu u Triq Wistin Levazin bi spisa ta' mhux aktar minn €80,000 skond l-istima tal-Perit annessa'. Din il-mozzjoni kienet approvata nem con. Ghal din il-laqgha kien hemm l-attendenza tal-Kunsilliera kollha jigifieri id-disa' kunsilliera kollha u li kollha qablu mal-proposta tas-Sur Dalli.

B'responsabilita nghid li din kienet l-ahjar decizzjoni fic-cirkostanzi ta' dak il-mument. Dan ghaliex wara li l-Kunsill kien esegwixxa l-process tal-ghazla tal-offerti, kif ukoll iddecieda li kellhom isiru dawk it-toroq, fl-eventwalita li t-tarmak tant kien detjorat u t-triq inqaghlet kollha, id-decizzjoni kienet unika li jigu allokati fondi iktar u minflok patching isir wicc ta' tarmak.

Dawn huma l-fatti ezatti ta' dak li gara fuq dan ix-xoghol / progett ambizzjuz li sar mill-Kunsill Lokali Fgura. Dan kollu jista' jigi vverifikat mill-minuti ufficjali tal-Kunsill (huma wkoll disponibli mill-website tal-Kunsill), kif ukoll mill-istess ittra mibghutha msemmija aktar kmieni mis-Sinjura Gemma Debono bl-eccezzjoni li hadet zball fid-data li minflokk fil-11 ta' Ottubru 2009 kif refut minnha, fil-verita l-laqgha saret fil-11 ta' Novembru 2009 fis-seduta numru sitta tas-sitt Kunsill.

Fl-ahharnett, nigbed dawn il-konkluzzjonijiet:

1. Nahseb li d-decizzjoni minn naha tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali hija wahda ingusta u mghaggla. Nemmen li jista' jkun li l-istess Dipartiment ma kellux l-informazzjoni jew l-ispjegazzjoni kollha necessarja biex seta' jifhem ahjar ic-cirkostanzi kif kienu.
2. Nemmen li ghandu jitressaq appell mid-decizzjoni biex johorgu l-fatti imsemmija minni aktar il-fuq, u tigi revokata d-decizzjoni li jitnaqqsu flus mill-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali Fgura li tant huma utli biex il-Kunsill ikompli jwettaq aktar hidma b'risq ir-residenti Fgurin.
3. Hareg bic-car li dan mhuwiex kaz ta' tixhim jew korruzzjoni imma sempliciment mod ta' nterpretazzjoni li waslet ghal decizzjoni harxa hafna fil-konfront tal-Kunsill Lokali Fgura
4. Il-membri tal-Kunsill kollha ghandna ninghaqdu u nirribattu id-decizzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali galadarba konna kollha li qbilna mal-proposta tas-Sur Dalli. Hadd m'ghandu jserrah rasu li dan ix-xoghol twettaq taht l-amministrazzjoni precedenti u allura fi zmieni bhala Sindku, ghax konna lkoll li vvutajna flimkien favur li jsir wicc ta' tarmac minflokk patching. Minn dak iz-zmien sal-llum il-membri kollha ghadna l-istess u ma kienx hemm tibdil.
5. Mhux gust lanqas li jintefa' dell ikrah fuqi daqs li kieku mxejt ghal rasi jew minn wara dahar il-Kunsill. Kif spjegat hawn ghal kull pass li saret dejjem kien hemm decizzjoni tal-Kunsill.
6. Jien li llum irrezenjajt mill-kariga tieghi ta' Sindku xorta wahda ghadni nservi bhala Kunsillier fl-istess lokalita u nfittex dejjem li nwettaq il-gid ghall-Fgura u l-Fgurin. Proppju ghalhekk li qieghed naghti sehmi shih f'dan il-kaz ukoll.
7. Ghandha ssir gustizzja fit-totalita taghha biex id-decizzjoni tad-Dipartiment li jinqatghu il-flus fuq sempliciment irregolarita fl-interpretazzjoni tal-prattika tax-xoghol tigi revokata u l-Kunsill Lokali Fgura jibqa jircievi l-allokazzjoni kif dovuta lilu skond il-ligi.

Nispera li kont car fil-punti kollha li semmejt ibbazati fuq il-fatti bil-provi kollha miktuba iswed fuq l-abjad f'dokumenti pubblici u li huma accessibli ghal kulhadd. Nispera li l-appelli tieghi ma jaqghux fuq widnejn torox u min hu kkoncernat jilqa' t-talbiet tieghi. Nispera wkoll li min huwa fil-pozizzjoni li kont nokkupa jien ghal snin shah jaghmel dak kollu possibli biex il-gustizzja ssehh. Lili se jsibni mieghu flimkien mal-kollegi l-ohra kollha biex jissolva dan ix-xkiel fl-operat tal-Kunsill taghna.

Darren Marmara'
Ex-Sindku Fgura